MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 850/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) kif surrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Charles Coleiro sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Charles Coleiro (ID 96433M)**
**vs**
**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 t'April, 2004, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm458.19) jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni sofferti mill-attur fl-incident awtomobilistiku tas-26 ta' Frar, 2002, fi Triq il-Lvant, Valletta, bejn iz-ziemel misjuq mill-konvenut u l-evttura ta' registrazzjoni EAV-251 misjuqa minn u proprjeta` ta' Charles Coleiro, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-konvenut huwa**

**responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fl-imsemmi incident.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ Awissu, 2003, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta’ Mejju, 2004, fejn intqal :**
**i. Illi t-talba tas-socjeta` hija wanda preskritta u dan ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.**
**ii. Illi l-incident de quo ma sehhx tort tal-konvenut Camilleri u ghaldaqstant mhuwiex responsabbli ghad-danni sofferti.**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talba hija wahda esagerata .**
**iv. Illi t-talba tas-socjeta` attrici saret intempestivament u ghaldaqstant il-konvenut m’ghandux ibghati l-ispejjez.**
**v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta’ John Lentini, ExPS 782 Joseph Schembri, Charles Coleiro, Joseph Camilleri, Silvio Demanuele u Philip Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha it-trattazzjoni tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirigwarda incident li sehh fis-26 ta’ Frar, 2002, fi Triq Lvant, il-Belt, bejn ziemel misjuq mill-konvenut u l-vetturaEAV-251.**
**2. Giet eccepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16, cioe il-preskrizzjoni ta’ sentejn. Jirrizulta li kienet saret ittra ufficjali kontra l-konvenut fis-26 t’Awissu, 2003, notifikata lilu fit-30 t’Awissu, 2003 (fol.59 u 60). Huwa wiegeb ghal din l-ittra fit-2 ta’ Settembru, 2003 (fol.23). L-ittra ufficjali, debitament notifikata, huwa att li jinterrompi l-perijodu preskrittiv. Ghalhekk l-azzjoni mhix preskritta.**
**3. Jirrizulta mill-okkorrenza Dok.JS1 (fol.33), li diversi vetturi, u persuna sofrew danni meta ziemel**

**sfratta. Skond ma rrappurtat : « …The cab driver Joseph Camilleri………stated that at the time the tourist was going down from the cab, a vehicle passed and hit the rear wheel of the cab, anda t that time the horse got afraid and ran off. Joseph camilleri signeed the usual declaration in which he declared that he is making good for the damages caused to all vehicles involved in the accident.» Id-dikjarazzjoni tal-konvenut, Dok.JS2 (fol.35) li ser jaghmel tajjeb ghad-danni giet annessa mal-okkorrenza.**

**4. L-attur Charles Coleiro jikkonferma li l-evtuura tieghu kienet parkeggata. Meta dan flimkien ma' sewwieqa ohra ltaqghu mal-konvenut, dan qalilhom li ser ihallas. L-attur kien gja beda jsewwi.**

**5. Il-konvenut jghid li z-ziemel mhux proprjeta` tieghu izda ta' Silvio Demanuele. Fil-fatt Demanuele jikkonferma li sija l-karrozzin kif ukoll z-ziemel huma tieghu. Dak in-nhar tal-incident kienu zewg kucciera peress illi liz-ziemel kienu ghadhom qed jghallmuh. Skond il-konvenut kien hemm min irreklama danni ghalkemm ma ntlaqatx. Pero` mill-provi mismugha u mill-ammissjoni ffirmata mill-istess konvenut, ma jibqa' ebda dubbju li ghad-danni ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut.**

**6. Huwa minnu li l-attur qabad u sewwa pero` saret survey Dok.JL3 (fol.13 u 14). Il-karrozza tal-attur kellha hsarat zghar bi spiza stamta fl-ammont ta' tlett mija u sittax-il lira u disghin centezmu (Lm316.90) oltre l-VAT. Kien hemm ukoll hamest ijiem loss of use f'ammont ta' tmienja u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm28.75). Is-survey report sewa tnax-il lira, u l-RAR jiswa tlett liri. Dawn b'kollox igibu t-total mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-eccezzjoni dwar l-intempestivita`, qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira maltija u**

**dstax-il centezmu (Lm458.19) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 t'Awissu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------